MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1/1985/1

**Michael Angelo u Alfred ahwa Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Fenech OIL & Petroleum Company Limited**

**vs**

**Avukat Dottor Philip Sciberras ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited u b'Nota tat-8 ta' Frar 1988 Joseph Curmi assuma l-atti ta' dan il-libell fil-kwalita tieghu ta' Managing Director ta' u in rapprezentanza ta' Sea Malta Company Limited minflok l-Avukat Dottor Philip Sciberras**

Il-Qorti:

Rat il-libell ta' Michael Angelo u Alfred ahwa Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Fenech Oil & Petroleum Company Limited li bih wara li ippremettew :

Illi b'citazzjoni presentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu 1984, l-Avukat Dottor Philip Sciberras ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited, wara li ppremetta li l-kontendenti kien ilhom ghal diversi snin jahdmu flimkien operazzjonijiet u servizzi konnessi ma fornituri u trasport ta "Bunkers" taz-zejt, petrol u prodotti konnessi u illi skond il- kuntratt lokatizju bejn l-esponenti u l-Kummissarju tal-Art, il-Gvern kien intitolat ghal- 25 % mill-profitti netti tan-negozju gestit mill-esponenti mill-propieta' moghtija lilhom b'lokazzjoni u illi dan id-dritt tal 'profit sharing' gie assenjat mill-Gvern lis-Sea Malta Company Limited, u illi l-esponenti naqsu milli ihallsu is-sehem dovut lis-Sea Malta Company Limited minn dawn il-profitti u illi Sea Malta Company Limited kellha tiehu minghand l-esponenti is-somma ta' erbgha u tletin elf, mitejn u sitta u disghin lira, erbgha u tletin centesimu u sitt millesimi (LM 34,296.34,6) korrispondenti ghall-fornitura ta' bunkers u sehem mill-profitti u dan kif ahjar deskritt fil-prospett anness mac-citazzjoni, talab li din il-Onorabbl Qorti (1) tikkundanna lill-esponenti ihallsu lill-attur noe is-somma fuq indikata ta LM 34,296.34,6 ammont dovut ghal "bunkers" u kommissjonijiet u sehem tal-profitti; (2) tikkundannahom biex fi zmien qasir u perentorju jippresentaw l-Audited Accounts ghas-snin finanzjarji 1981 u 1982 u (3) konsegwentement tikkundannahom, jekk ikun il-kas; ihallsu lill-attur noe din is-somma korrispondenti ghal 25 % tal-profitti netti ghal dawn l-istess snin finanzjarji 1981 u 1982, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez;

Illi fid-dikjarazzjoni presentata mal-att tac-citazzjoni l-attur espona il-fatti li fuqhom hija bazata ic-citazzjoni u gie esibit Statement of Account li jispjega kif gie kalkolat l-ammont ta LM34,296.34,6 imsemmi ic-citazzjoni. Dan l-istatement of Account hu mmarkat Dok A;

Illi bin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom l-esponenti issottomettew li id-domanda attrici kellha tigi michuda peress li kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-kumpanija konvenuta ma kienetx debitrici tas-socjeta' attrici kif imsemmi fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni presentata fin-nota tal-eccezzjonijiet gie sottomess illi id-

Dok A ipoggi flimkien id-diversi partiti ta' kreditu u debitu bejn diversi kumpaniji, waqt li in realta' il-kontijiet kienu jinzammu mill-kumpaniji separatament u jithallsu u ma kienux jigi kompensati. Inoltre, gie sottomess li l-attur noe kellu jispjega x'kienu l-pretensjonijiet avanzati minnu u jipproduci id-dokumenti
relativi. Gie michud li l-esponenti kellhom jigu sopportati mill-attur noe peress illi, avolja gie mitlub, l-attur noe naqas milli jibghat lill-esponenti id-dokumentazzjoni propria u l-anqas esibiha fil-kawza;

Illi l-kawza giet appuntata ghat-tmienja (8) ta' Ottubru 1984 u nharget il-mozzjoni tal-appuntament ghan-notifika lill-partijiet u skond ir-ricevuta postali esibita fil-process din il-mozzjoni tal-appuntament kienet indirizzata lill-Michael Angelo, Fenech Oil & Petroleum Limited, Ix-Xewkija, Kalkara u l-envelope relattiv gie konsenjat lill-firmatarju Peter Lanzon fil-hdax (11) ta' Settembru 1984;

Illi fit- 8 ta' Ottubru, 1984 l-attur noe, ipproduca xi provi u l-kawza
giet differita ghas-sitta u ghoxrin (26) tal Ottubru, 1984 ghall-provi u in difett ghas-sentenza. L-esponent u l-Avukat taghhom la deheru fl-ewwel seduta u l-anqas fit-tieni seduta u il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 tal Ottubru 1984. Fil-fatt is-sentenza ma inghatatx f'dik il-gurnata izda giet moghtija fit-tletin (30) tal Ottubru, 1984 f'sens adesiv ghat-talbiet attrici u fiha din l-Onorabbli Qorti iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet tal-attur noe u ghalhekk (1) ikkundannat lill-esponenti noe jhallsu lill-attur noe is-somma ta' LM 34,296.34,6 ghall- "Bunkers" u kummissjonijiet u sehem tal-profitti (2) ikkundannathom biex fi zmien xahar mis-sentenza jippresentaw l-Audited Accounts ghas-snin finanzjarji 1981 u 1982 u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet domanda stante li s-somma pretiza ghadha mhix maghrufa ghad li ghandha tigi kalkolata b'rati ta 25 % tal-profitti netti ghal dawn l-istess snin finanzjarji 1981 u 1982. Imhabba f'hekk il-Qorti tirriserva favur l-attur kwalunkwe azzjoni "si et quantenus" kontra l-esponenti noe ghal dina is-somma li tirrizulta dovuta wara li jigu presentati l-Audited Accounts ghas-snin finanzjarji 1981 u 1982. Bl-ispejjes u imghaxijiet;

Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) tal Novembru 1984 mar il-Marixxal ghand l-esponenti biex jesegwixxi din is-sentenza permezz ta’ mandat ta’ qbid;

Illi l-esponenti ma dehrux fil-kawza, la personalment u l-anqas permezz tal-avukat difensur taghhom, billi huma ma kienux jafu bl-appuntament tal-kawza u fil-fatt ma kienux gew notifikati bih jew alternattivament ma kienux gew validament notifikati bih. Il-fatti li fuqhom huma bazati dawn is-sottomissjonijiet huma spjegati izjed il-quddiem f’dan il-libell. L-effett legali taghhom hu illi skond il-ligi is-sentenza fuq indikata hi soggetta ghar-ritrattrazzjoni a bazi tal-artikolu 814 (b) (c), (e) u (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili billi:
Fis-sub artikolu (b) insibu illi dana id-dritt tar-ritrattazzjoni jezisti jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti ghad ma tkunx giet innofikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza; fis-sub-artikolu (c) id-dritt jikkonsisti jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm il-darba ma tkunx giet moghtija jew deciza l-ecezzjoni tal-illegittimita; fis-sub-artikolu (e) id-dritt jikkonsisti jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; u fl-ahhar nett fis-sub-artikolu (l) id-dritt tar-rittrattazzjoni jikkonsisti jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-attijiet jew dokumenti tal-kawza;.

Illi l-esponenti kienu gew notifikati bic-citazzjoni u ir-riferta relativa li "Michael Angelo Fenech et" kienu gew notifikati bic-citazzjoni fil- hamsa (5) tal April 1984. L-esponenti ippresentaw imbaghad in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom. Wara, il-kawza giet appuntata u il-partijiet kellhom jigu notifikati bil-mozzjoni tal-appuntament. Skond ir-riferta tas-sbatax (17) tal Settembru 1984 jinghad illi "Michael Angelo Fenech" kien gie notifikat fil-hdax (11) ta’ Settembru 1984. Il-firma tad-destinatarju kienet tidher ta’ Peter Lanzan li hu impjegat tal-esponenti. Fil-fatt graw diversi fatturi li wasslu ghar-risultat li l-esponenti ma kienux jafu bil-mozzjoni tal-appuntament u ghalhekk ma kienux jafu id-data tal-kawza la dehru huma u l-anqas l-Avukat taghhom u harget kwazi awtomatikament is-

sentenza kontra taghhom. Dawn il-fatturi huma spjegati hawn taht.

Mill- hamsa (5) ta’ Settembru 1984 sal- hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru, 1984 l-esponent Michael Angelo Fenech kien imsiefer u Anthony Valvo kien in charge tal-ufficcju. F’dak il-perjodu, Valvo kien gie moghti minn Peter Lanzon, impjegat tad-ditta, zewg envelopes maghluqin u li kienu wasslu bil-posta registrata u li kienu iffirma ghalihom u li kienu jidhru li kellhom x’jaqsmu mal-Qorti. Peter Lanzon ma fetahomx izda semplicement ghaddihom lill-Anthony Valvo. Dan Valvo fetahhom. F’wiehed minnhom sab notifika ta’ att fuq kwistjoni tat-traffiku u cempel lill-Dr. Hugh Peralta. Fl-eneelope l-iehor ma kien hemm xejn u kien envelope vojt. L-effett ta’ dan l-izball li ma tpogga xejn fl-envelope kien li l-esponenti baqghu effettivament mhux notifikati u ma deherux ghas-smigh tal-kawza;

Illi legalment din is-sitwazzjoni kienet tfisser:

(a) Ii notifika tal-mozzjoni ma saritx billi envelope vojt mhijiex notifika tal-mozzjoni. Forsi, kieku Valvo ikkomunika mal-ufficjali tal-Qorti jew tal-Posta, kienu setghu jirritraccaw ghall-liema kawza l-envelope kien jirriferi, izda il-fatt li ma sarx dan ma iffissirx li n-notifikata saret valida. Notifika ta’ envelope vojt m’hijiex notifika taht l-ebda cirkostanzi. Din hi diffikolta li ma kienitx prevista meta dahlet ir-regola tan-notifika bil-posta. Izda il-pozzizjoni legali hi cara;

(b) Il-konvenut Michael Angelo Fenech meta saret in-notifika kien imsiefer minn Malta u ghalhekk in-notifika tieghu bil-posta anke kieku l-envelope ma kienx vojt, ma kienitx valida. Inoltre anke il-konvenut l-iehor, Alfred Fenech (li dwaru ma hemm l-ebda riferta ta’ notifika) kien imsiefer ukoll;

(c) Anke kieku fl-envelope kien hemm il-mozzjoni, tal-appuntament, in-notifika ma kienitx tkun valida billi fir-riferta kien hemm l-isem ta’ wiehed biss mill-konvenuti Michael Angelo Fenech. Ma kien hemm ebda riferta ta’ notifika dwar il-konvenut Alfred Fenech li baqa' mhux notifikat la formalment u l-anqas sostanzjalment;

(d) Meta din l-Qorti Onorabbli pproċediet bis-smigh u d-deċizjoni tal-kawza hija ma indunatx lir-riferta tan-notifika kienet tirriferixxi lill-wiehed biss mill-konvenuti u dan l-izball sia ta' fatt kemm tal-ligi jirrizulta miII-atti tal-kawza;

Illi skond il-ligi is-sentenza fuq indikata ta' din l-Onorabbli Qorti hi soggetta ghar-ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 814 (b), (c), (e), u (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili billi:-

(1) ic-citazzjoni (f'dan il-kaz il-mozzjoni tal-appuntament) ma gietx notifikata lill-parti teliefa u din il-parti ma dehritx. L-artikolu jitkellem fuq in-nuqqas ta' notifika ta' citazzjoni. Hawnhekk ghandna nuqqas ta' notifika ta' mozzjoni tal-appuntament. Hu sottomess illi l-effett hu l-istess. Il-kelma "citazzjoni" ghandha tiftiehem fi l-kontest li tikkomprendi l-att jew atti li jaghtu inizju ghall-prodediment. Kawza tista' tinbeda b'citazzjoni, rikors, jew libell. Nuqqas tal notifika ta' kull wihed minn dawn ghandu l-istess effett. Nuqqas tal notifika ta' mozzjoni ipoggi liII-parti fl-istess posizzjoni hazina;

(2) kien hemm illegittimita tal-persuna da parti tal-espenenti li ma kienux persuni legittimi fil-kawza stante li huma kienu imsiefrin, u il-kawza kontra zewg diretturi flimkien biex jirrappresentaw lill-kumpanija mhux wiehed wahdu kif imsemmi fir-riferta.

(3) is-sentenza applikat il-ligi hazin fis-sens tal-incis (e) tal-Artikolu 814 fuq imsemmi u kienet l-effett ta' zball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawza, fis-sens tal-incis (l) tal-istess artikolu. Infatti, il-Qorti ma indunatx li ir-riferta kienet tifferixxi ghall-wiehed biss mill-konvenuti u baqghat mixja. Dan l-izball jirrizulta mill-atti tal-kawza u ma kien fl-ebda mod kontestat. Ghandu ukoll l-aspetti legali u ghalhekk insitu gewwa fih hemm zball tal-ligi li kieku il-Qorti indunat bih ma kienitx tghaddi ghas-smigh u decizjoni. Anzi kienet tordna li kienet issir notifika regolari.

L-esponenti saru jafu b'dawn l-irregolaritajiet mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru, 1984 il-quddiem billi f'dik id-data mar il-Marixall ghandhom biex jesegwixxi mandat in esekuzzjoni tas-sentenza, u huma infurmaw liII-Avukat li huwa mar jiverifika il-process u sab x'kien hemm fl-atti tal-kawza u l-esponenti, da parti taghhom, ghamlu l-investigazzjonijiet opportuni u minn dawn hargu il-fatti fuq

imsemmija. It-terminu tal-appell kien skada u l-esponenti ma setghux ghalhekk jappellaw u infetah lilhom it-triq tar-ritrattazzjoni 'a tenur tal-artikolu 814 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Ghaldaqstant l-esponenti noe filwaqt li jippresentaw il-malleverija
annessa ma' dana l-att idonea skond il-ligi ghall-spejjes ta' din il-procedura u jghamlu referenza ghall-provi gia prodotti u jirriservaw li jipproducu il-provi kollha necessarji inkluza is-subizzjoni tal-konvenut li ghaliha minn issa qieghed jigi interpellat jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghoba, previa r-revoka jew thassir tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-tletin (30) ta' Ottubru, 1984 fil-kawza Avv. Dr. Philip Sciberras noe -vs- Michael Angelo Fenech et noe (Citaz Nru 440/84) a tenur tal-artikolu 814 (b),(c), (e) u (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili billi l-esponenti nomine ma gewx notifikati bic-citazzjoni tal-kawza cioe bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza, l-esponenti ma kienux persuni legittimi fil-kawza u is-sentenza applikat il-ligi hazin u kienet l-effett ta zball kif jidher mill-attijiet u mid-dokumenti tal-kawza kif superjorment spjegat, tordna ir-rittrattazzjoni tal-kawza u tordna li issir notifika regolari lill-esponenti noe tal-appuntaament ta' dik l-kawza u taghti il-provedimenti l-ohra necessarji sabiex dik l-kawza tigi mismugha u deciza, u fil-meritu tichad d-domandi kontenuti fl-atti tac-citazzjoni f'dik il-kawza, bl-ispejjes kontra l-imsemmi Dottor Philip Sciberras noe. Biex b'hekk tigi amministrata il-gustizzja skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Philip Sciberras li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. It-talba tal-libellanti ghar-ritrattazzzjoni ghandha tigi michuda, bl-ispejjez, u dan ghar-ragunijiet imfissra aktar 'l quddiem;
2. Qabel xejn huwa tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejh it-twissija tal-Qrati taghna dwar l-indoli straordinarji ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni, governat kif inhu minn regoli ta' interpretazzjoni stretta. Dan ghaliex, kif bosta drabi ippronunzjaw l-istess Qrati, ma jistax jigi

permess illi taht il-pretest tar-ritrattazzjoni il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament jigi kreat tribunal tat-tielet istanza;

3. Issa l-ligi taghna bl-Artikolu 815 tal-Kodici ta' Procedura Civili taghti dan id-dritt ta' ritrattazzjoni minn decizjoni ta' l-ewwel istanza u li saret "res judicata" f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-Artikolu 814, purke il-partijiet ikunu konsapevoli mill-fatti, li minhabba fihom jitolbu r-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell;

4. L-Artikolu 816 tal-Kap. 15, imbaghad iwissi illi l-limiti tar-ritrazzjoni ghandhom jigu originati ghal dawk tassattivament indikati mill-Ligi fl-Artikolu 814;

5. Issa limitatament ghall-istadju tar-ritrattazzjoni maghruf bhala "in rescindente", bhala distint mill-istadju "in rescissorio", l-aggravji allegati mill-libellanti huma dawk illustrati fl-incisi (b), (c), (e) u (l) tal-Artikollu 814 :

(i) Taht l-incis (b) – li c-citazzjoni ma tkunx giet notifikata lill-parti telliefa;

(ii) Taht l-incis (c) – li wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima;

(iii) Taht l-incis (e) – li dina l-Qorti applikat il-ligi hazina, u

(iv) Taht l-inciz (l) – li s-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-attijiet jew mid-dokumenti tal-kawza;

6. Senjatament ghall-fatti li fuqhom il-libellanti jikkazellaw l-aggravji taghhom jinghad (jew ahjar jallegaw ) :

(i) Illi fil-perijodu indikat fir-riferta dwar in-notifika bil-mozzjoni ta' l-appuntament tal-kawza huma kienu imsiefra.  Ghalhekk, skond huma, u ankorke l-envelop kien jikkontjeni tali avviz, in-notifika ma kienitx valida;

(ii) Illi wkoll ir-riferta tispecifika l-isem ta' wiehed biss mill-konvenuti nomine u b'hekk in-notifika hi invalida;

(iii) L-envelop li fih suppost kien hemm kontenut l-avviz kien vojt u konsegwentement ma setax ikun hemm notifika;

7. Referibilment ghall-ewwel pregudizzjali jirrizulta illi n-notifika tal-avviz tal-appuntament tal-kawza sar fl-istess post li fih giet notifikata c-citazzjoni;

Issa l-Artikolu 186 (1) tal-Kap. 15 jiddisponi "inter alia" illi "n-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura……. f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna …. jew persuna awtorizzata minnu biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."

Immela fil-kaz sotto konsiderazzjoni ma hemmx kwistjoni illi n-notifika li saret f'idejn Peter Lanzon, impjegat tas-socjeta' konvenuta u fil-post tax-xoghol ta' l-istess socjeta' hi reintranti fit-termini tal-Ligi;

8. F'dan il-kuntest il-libellanti jargumentaw illi gjaladarba kienu imsiefra allura tali notifika ma kienitx valida;

Apparti l-konsiderazzjoni illi din l-allegazzjoni trid tigi pruvata, hu fatt indiskuss illi huma kienu temporanjament imsiefra. Di piu huma ma nfurmawx lil hadd b'dan allontament temportanju minn Malta; kif lanqas ma hadu hsieb biex jillegittimaw l-atti, u dan id-dover kien jinkombi fuqhom;

Issa hu fattt notorju illi bosta azjendi u socjetajiet ghandhom post office box number bhala r-registered address taghhom. F'dan ma hemm xejn hazin u kienu proprju ghalhekk li l-Artikolu 186 (1) fuq riferit ha hsieb biex idahhal taht l-"umbrella" tieghu anke dawn il-kazijiet tipici. Allura, ta' min jistaqsi, f'kaz li ssir notifika f'dan il-post, kif jista' wiehed ikun jaf illi r-ricevituri taghha kienu assenti fil-mument tas-sehh taghha? Forsi mhux proprju biex jigu evitati kwistjonijiet ta' din ix-xorta, li saret l-emenda bl-Att XXV11 ta' l-1979;

9. Kwantu ghall-fatt l-iehor intavolat mill-libellanti illi r-riferta dwar l-avviz bil-mozzjoni tal-appuntament tirreferi ghal wiehed biss mill-konvenuti nomine, dan m'ghandux ifisser illi n-notifika hi invalida;

Infatti l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Procedura Civili jiddisponi illi "l-ufficjal inkarigat min notifika ta' att ghandu …. jaghmel riferta li turi n-notifika saritx jew le. Fl-affermattiv, ir-riferta ghandha turi l-isem u l-kunjom tal-persuna notifikata u, jekk l-att ma jkunx notifikat

direttament lill-persuna li lilha kellha ssir in-notifika, l-isem u l-kunjom tal-persuna illi lilha giet konsenjata l-kopja u l-post fejn l-att gie notifikat …….”
Inoltre f’dan il-kuntest ghandu jinghad illi s-sede kummercjali tas-socjeta’ hi dik indikata fic-citazzjoni, fejn id-diretturi taghha, jaghmlu l-operazzjonijiet taghhom u n-notifika giet affidata lill-persuna firmatarja skond l-istess riferta u li skond l-Artikolu 186 (1) fuq citat kienet persuna idonea biex tircievi kull att;
Hemm imbaghad l-Artikolu 184 tal-Kap. 15 li jitratta dwar notifika kollettiva;

10. Fl-ahharnett il-libellanti jallegaw illi l-envelope li fih suppost li kien hemm l-avviz kien vojt u kwindi ma kienx hemm notifika valida. Huma jargumentaw illi l-fatt li Anthony Valvo, l-persuna li fethet l-envelope, ma kkomunikax mal-ufficjali tal-Qorti jew tal-Posta ma ghandux ifisser li n-notifika saret.
Kwalunkwe interpretazzjoni fuq il-linji tal-argument tal-libellanti twassal ghall-assurdita’ illi dak li jkun jista joqghod jikkontempla s-sitwazzjoni “sub specie aeternitas” u ma jaghtix kaz, di piu’ meta hu ammess illi Valvo ircieva zewg envelopes bil-posta u fuq wiehed ikkomunika ma l-Avukat Peralta izda dwar l-iehor ma ghamel xejn;
Din l-allegazzjoni tal-libellanti, vantata biex minghalihom jaghtu xhieda legali lit-talba odjerna taghhom, ma tistax tkkun hlief trovata genjali, izda sfortunatament ghalihom bla xamma ta’ kredibbilita’. Anke kieku kien hekk, ghall-inazzjoni taghhom ghandhom ibatu l-konsegwenzi huma stess;

11. Tabilhaqq, gie bosta drabi senjalat mill-Qrati taghna, illi r-“restitutio in integrum” – effett tar-ritrattazzjoni – jinvolvi ezami duplici, u cioe’ : -
(a) min jipproponieh irid ikun in buona fede; u
(b) ma jridx ikun hu stess negligenti.
Certament li fil-kaz in ezami l-libellanti ma humiex in buona fede u fuq kollox, kienu grossolanament negligenti;

12. Issa kwantu ghall-ewwel motiv fl-incis (b) tal-Artikolu 814, apparti dak li jinghad supra, l-esponenti ukoll

ma jaqbilx mal-argument illi c-citazzjoni timplika mozzjoni ta' l-appuntament. It-test Ingliz tal-ligi isemmi "writ of summons" – "citazzjoni" fit-test Malti. Din ma hiex l-istess bhal mozzjoni tal-appuntament.
Kif gja inghad, ir-rimedju ta' ritrattazzjoni, kif lummeggat fil-gurisprudenza taghna, hu governat minn regoli ta' interpretazzjoni stretta. F'dan is-sens ukoll l-Artikolu 816 surriferit;

13. Bir-rispett, l-argument dwar l-incis (c) juri kapacita kbira ta' immaginazzjoni, izda hu insostenibbli. L-allegazzjoni dwar notifika invalida m'ghandux bl-ebda mod remot, ifisser li wahda mill-partijiet fil-kawza ma kienitx persuna legittima;
14. Illi taht it-tielet kap ta' aggravju (incis (e)) il-libellanti ma qalu xejn ghalkemm irreferew ghalih;
Issa rekwizit essenzjali taht dan il-kap hu li l-Qorti trid tkun applikat il-ligi hazin, u, fi kwalunkwe kaz, il-kwistjoni ma tridx tkun dwar interpretazzjoni ta' ligi li fuqha l-Qorti tkun tat espressament decizjoni;
Ovvjament id-decizjoni jekk il-kreditu pretiz mill-esponenti nomine kellux jigi akkolt hi eminentement apprezzament ta' fatt u ma tistax proprjament tidhol fil-kategorija ta' punt ta' dritt li dwaru jista' jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi ghall-finijiet issa mixtieqa mill-libellanti;

15. Lanqas jidher illi l-libellanti b'xi mod iddimostraw illi l-kwistjoni tinkwadra ruhha fl-inciz (l) tal-Artikolu 814. Fl-umili fehma tal-esponenti nomine is-sottomissjoni tal-libellanti f'dan il-kontest mhix gusta u kwalunkwe kumment hu kwazi superfluwu;

Ghaldaqstant l-esponenti nomine umilment jissottometti illi dina l-Qorti ghandha tirrespingi d-domanda tal-libellanti ghar-ritrattazzjoni billi l-ebda wahda mill-incizi (b), (c), (e) u (l) ma huma ravvisati fil-kaz in dizamina.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Frar 1988 li permezz tieghu hatret lil Dr Albert Manche bhala perit legali;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Mejju 1989 li permezz tieghu issostitwiet lil Dr Magri ghal Dr Manche bhala perit legali bl-istess inkarigu u drittijiet;

Rat illi ma gie ikkonfermat l-ebda rapport mill-perit legali;

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi xehed Anthony Valvo u iddikjara li kien il-General manager tal-kumpannija Fenech OIL & Petroleum Company Limited u illi fil-perjodu ta' Settembru 1984 id-Direttur tieghu, Michael Fenech, kien imsiefer minn Malta u hu kien inkarigat tal-ufficju ta' Michael Fenech fil-main office tal-kumpanija, numru 13 Archbishop Gonzi Square Kalkara. Is-Sur Valvo kompla jixhed illi Michael Fenech kien staqsih jekk kienx hemm xi notifiki tal-Qorti dwar il-kawza li kienu ghamlulhom is-SeaMalta. Din in-notifika kellha tikkoncerna d-data ta' l-ewwel smigh ta' din il-kawza quddiem l-Imhallef. Ix-xhud qal li fil-perjodu fuq imsemmi Peter Lanzon kien tah zewg envelopes li kienu jidhru kwistjonijiet li kellhom x'jaqsmu mal-Qorti. Huwa ftakar illi fetah dawn iz-zewg envelopes, f'wiehed minnhom sab notifika ta' xi haga li kellha x'taqsam mat-traffiku u dwarha kien kellem lill-avukat u li kienet tikkoncerna xi vettura tal-kumpannija. Huwa xehed li l-envelope l-iehor ma kien fih xejn u illi hlief ghal dawn iz-zewg notifiki ma kien hemm l-ebda ittra ohra li kienet tirrigwarda lill-Qorti fil-perjodu in kwistjoni.

Illi xehed Peter Lanzon u qal illi kien impjegat ma Fenech OIL & Petroleum Company Limited u illi Michael Angelo Fenech kien imsiefer mill-5 ta' Settembru sal-25 ta' Settembru 1984. Huwa xehed illi kien ircieva xi ittra

registrata mill-Qorti jew minn x'imkien iehor u kien ircieva zewg ittri registrati illi kienu jikkoncernaw il-Qorti u kien iffirma ghal dawn l-ittri. Huwa xehed illi kien jaf li l-ittri kienu jikkoncernaw il-Qorti u kien iffirma ghal dawn l-ittri. Huwa xehed li kien jaf li kienu jikkoncernaw il-Qorti ghaliex kienu envelopes kannella u jew il-postman kien qallu li kienu tal-Qorti jew kien qara fuq l-envelopes xi indikazzjoni simili. Huwa xehed illi kull ittra li jircievi jghaddiha lis-superjuri tieghu u meta s-Sur Michael Fenech kien imsiefer huwa kien jghaddihom lis-Sur Anthony Valvo. Huwa ikkonferma illi l-kontenut ta' l-ittri huwa ma jkunx jaf dwarha ghaliex l-ittri ma jiftahomx, izda kull ittra li jircievi jghaddiha lis-Sur Anthony Valvo.

Illi xehed l-Ispettur Sandro Zarb in rapprezentanza ta' l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni u ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija u qal illi ma ghandu l-ebda records dwar jekk Michael Angelo Fenech u Alfred Fenech kienux imsiefrin jew le matul is-sena 1984. Ix-xhud qal illi r-records illi ghandhom huma mill-1 ta' Jannar 1994 sal-1 ta' Marzu 1999.

Illi xehed Albert Fenech, u mistoqsi jekk jiftakarx jekk f'Settembru tan-1984 kienx imsiefer jew le, xehed illi ma jiftakarx. Huwa gie imfakkar setghax kien imsiefer mal-mara tieghu biex jara jekk idahhalx lit-tifel tieghu Jeffrey f'xi skola l-Ingilterra, u xehed illi kien hemm okkazjonijiet fejn kien siefer ghal dan l-iskop, izda ma ftakarx jekk dan kienx f'Settembru 1984.

Illi xehed Jeffrey Fenech u ikkonferma li huwa t-tifel ta' Alfred Fenech, hu il-libellant Michael Angelo Fenech. Huwa xehed illi meta kien izghar kien mar flimkien ma missieru l-Ingilterra sabiex jara jekk jidholx f'xi skola hemmhekk u li dan kien f'Settembru 1984. Huwa xehed illi l-ewwel kienet marret mieghu ommu u damu hemm gimgha sabiex jiffinalizaw kollox. Eventwalment huwa dahal fi skola l-Ingilterra u wara ftit taz-zmien kien telgha wkoll missieru l-Ingilterra.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Michael Angelo Fenech, u qal illi kemm u kif ukoll huh Alfred Fenech kienu imsiefrin f'Settembru 1984 sabiex idahhlu lil uliedhom fi skejjel l-Ingilterra. Huwa esebixxa kopji tal-biljetti tal-ajru, ta' passaport u ircevuti ohrajn li hallas matul iz-zjara tieghu fl-Ingilterra u fl-Irlanda, illi juru li kien imsiefer bejn il-5 ta' Settembru u il-25 ta' Settembru 1984. Huwa xehed illi ma jaf bl-ebda notifika li saret fil-11 ta' Settembru 1984 bil-posta, fis-sens illi l-kawza kienet giet appuntata ghas-smigh ghat-8 ta' Ottubru 1984, u xehed illi irrizultalu sussegwentement illi l-envelope illi kien jikkontjeni din in-notifika kien vojt u illi dan l-envelope kien ircevih Anthony Valvo. Huwa xehed illi ma kien jaf xejn dwar l-appuntament tal-kawza u ghalhekk ma attendix il-Qorti. Huwa kien diga ipprezenta in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu f'din il-kawza u sar jaf biss b'dak kollu li kien gara meta fis-27 ta' Novembru 1984 kien gie il-Marixall tal-Qorti sabiex jezegwixxi s-sentenza. Huwa ikkonferma id-dettalji kollha kontenuti fil-libell tieghu numru 1/1985 ipprezentat minnu fit-28 ta' Jannar 1985.

Ikkunsidrat :

Illi dan hu libell illi bih il-libellanti nomine ipprocedew kontra l-libellat nomine sabiex din il-Qorti, prevja ir-revoka jew thassir tas-sentenza moghtija minnha fit-30 ta' Ottubru 1984 fil-kawza Dr Philip Sciberras nominee vs Michael Angelo Fenech et noe Citazz Nru 440/84, tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza u tordna li issir notifika regolari lill-libellanti nomine tal-appuntament ta' dik il-kawza u taghti il-provvedimenti kollha necessarji sabiex dik il-kawza tigi mismugha u deciza, u fil-meritu tichad id-domandi kontenuti fl-att tac-citazzjoni f'dik il-kawza bl-ispejjez kontra l-libellat nomine.

Ikkunsidrat :

Illi il-libellanti nomine qeghdin jibbazaw ir-ritrattazzjoni fuq :

(a) il-fatt illi n-notifika ta' l-avviz tas-smigh tal-kawza ma sarx skond il-ligi ghaliex kellu isir liz-zewg Diretturi li

jirrapprezentaw lill-kumpannija, izda dan ma sarx billi fir-riferta kien hemm l-isem ta' wiehed biss mill-konvenuti Michael Angelo Fenech, u ma kien hemm l-ebda riferta ta' notifika dwar il-konvenut l-iehor Alfred Fenech li baqa' mhux notifikat.

(b) Illi l-konvenut Michael Angelo Fenech meta saret n-notifika kien imsiefer minn Malta u ghalhekk in-notifika tieghu bil-posta anke kieku l-envelope ma kienx vojt ma kienitx valida. Inoltre anke il-konvenut l-iehor Alfred Fenech kien ukoll imsiefer.

(c) Illi n-notifika tal-mozzjoni ma saritx billi envelope vojt mhuwiex notifika tal-mozzjoni u meta l-Qorti ipprocediet bis-smigh u decizjoni tal-kawza ma indunatx illi r-riferta tan-notifika kienet tirriferixxi lil wiehed biss mill-konvenuti u dan l-izball sia ta' fatt kemm ta' ligi jirrizulta mill-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat :

Illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju (vide Vol. XX1X. 1. 798) u ghalhekk r-regoli li jiggvernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (vide Vol. XV11. 1. 227).

Illi gie osservat pero f'sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali illi :

"l-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop li jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata miscarriage of justice u tinstab gustizzja sostanzjali ghall-partijiet" (vide Leonard Muscat et kontra Onorevoli Prim Ministru" deciza fil-31 ta' Lulju 2000.

Izda b'dana kollu intqal f'din l-istess decizjoni illi :

"Il-ligi pero tirrestringi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-ligi. Barra minn hekk il-ligi timponi certi kundizzjonijiet ghall-ezercizzju tal-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament."

Ikkunsidrat :

Illi il-libellanti nomine argumentaw illi l-mozzjoni tal-appuntament ma giex notifikat lill-parti telliefa u dik il-parti ma dehritx.

L-Artikolu 814 tal-Kodici tal-Procedura Civili jitkellem dwar jekk ic-citazzjoni tkunx giet notifikata lill-parti telliefa u dik il-parti ma tidhirx u jissottomettu illi n-nuqqas ta' notifika ta' mozzjoni ta' appuntament ghandu l-istess effett bhal nuqqas ta' notifika tac-citazzjoni.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fid-19 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet Salvina Bugeja vs Paola Azzopardi et fejn gie deciz illi :

"Is-sub inciz (b) tal-artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jipprovdi rimedju ghal smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz fejn "ic-citazzjoni ma tkunx innotifikata lill-parti telliefa basta li dik il-parti ghad li ma tkunx giet notifikata ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza". Il-kliem "ic-citazzjoni ma tkunx giet notifikata" ghandu jikkomprendi necessarjament ukoll in-notifika tal-avviz ghas-smiegh jew in-notifika tal-avviz tar-riappuntament tas-smiegh tal-kawza ghaliex ma kienx hemm dubbju illi dan is-sub inciz kien intiz biex jassigura l-prezenza tal-partijiet fil-kawza u li l-assenza taghhom tkun wahda voluta jew evitabbli."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti trid tara jekk in-notifika saritx skond il-Ligi jew le.

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi kemm Michael Angelo Fenech, kif ukoll Alfred Fenech, il-libellanti nomine, kellhom ir-rapprezentanza tas-socjeta' Fenech Oil & Petroleum Company Limited.

Illi gie ippruvat ukoll minghajr l-ebda dubju illi l-libellant Michel Angelo Fenech kien imsiefer u gie ippruvat ukoll illi r-riferta tal-avviz tas-smiegh sar lill-libellant Michael Angelo Fenech biss fl-indirizz tal-kumpanija u thalla ma

impjegat illi xehed li l-envelope kien vojt u li kien irceva tahrika ohra mill-Qorti li kien ghaddiha lil avukat tal-kumpanija Dr Hugh Peralta izda peress illi l-envelope l-iehor kien vojt huwa ma setgha jaghmel xejn dwaru.

Illi l-libellant Alfred Fenech xehed illi ma jiftakarx jekk kienx imsiefer meta saret in-notifika f'Settembru 1984 izda ibnu xehed illi fil-fatt kien imsiefer ma missieru Alfred Fenech peress illi Alfred Fenech ried idahhal lill-ibnu fi skola l-Ingilterra.

Illi dwar kif ghandha ssir notifika ta' kumpannija skond il-Ligi l-artikolu 187(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili, qabel gie emendat bl-att XX1V tal-1995, kien jghid li n-notifika trid tithalla fost ohrajn ma' persuna fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha fil-lok fejn fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Illi fiz-zmien  in kwistjoni l-artikolu kien l-artikolu 186 u l-Kapitolu kien Kapitolu 15, dak illi illum huwa il-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat :

Illi fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Angelo Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' B & B Construction Limited vs Emanuel Zammit tat-30 ta' Marzu 2001, liema senteza giet citata mill-libellanti nomine, johrog car illi fil-kaz ta' notifika ta' att gudizzjarju lill-korp li ghandu personalita guridika ai termini tal-artikolu 187(4) tal-Kap. 12 huwa mehtieg illi kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura setghet issir lill-persuna illi lilha ghandha tkun notifikata jew billi din il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnu biex tircievi il-posta taghha fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha.

Illi fis-sentenza taghha il-Qorti ta' l-Appell kienet qalet hekk :

“Hu car minn dawn l-artikolu” (u hawn hekk il-Qorti qeghda tirreferi ghas-subinciz 2 tal-Artikolu 182 tal-Kap. 12) illi l-ligi riedet allura li tassigura illi l-kopja tal-att li bih jigu inizzjati proceduri fil-kontenzjuz quddiem il-Qrati kellha tigi notifikata <u>lill-persuna konvenuta</u>. Hu pacifiku li l-persuna tista’ tkun wahda fizika jew morali. Kif sewwa rilevat mill-appellant nomine l-artikolu 4(d) tal-att dwar l-Interpretazzjoni (Kapitlu 249) “l-espressjoni persuna” tinkludi “ghaqda jew korp iehor ta’ persuni sew jekk dik l-ghaqda jew il-korp ikunu persuna guridika jew jekk le”. Il-persuna konvenuta fil-kaz taht l-ezami kienet allura wahda guridika/morali ………… “

Is-sub-inciz 1 tal-artikolu 187 tal-Kap 12 kif kien fiz-zmien rilevanti gie hekk interpretat minn din il-Qorti : “Il-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi hija ta’ natura generali u hija intiza biex tkopri l-kaz ta’ notifika sia lill-persuna fizika, sia lill-persuna morali. Dan jidher car ukoll minn nota mariginali li hemm mal-imsemmija dispozizzjoni li tghid ukoll b’mod generali kif isiru n-notifiki. Minn ezami tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi jidher li fl-ewwel parti taghha, d-disposizzjoni qeghda tenuncja r-regola generali li n-notifika ghandha ssir bil-konsenja ta’ kopja tal-att lill-persuna li ghandha tkun innotifikata. Imbaghad il-ligi tipprovdi alternattiva ghall-imsemmija notifika billi tikkontempla ghall-finijiet ta’ notifika l-kaz fejn il-kopja tal-att jista’ jithalla u ma’ min jista’ hekk jithalla u jiddisponi inter alia li l-kopja tal-att tista’ tithalla fil-lok fejn tahdem jew fil-post tax-xoghol ma’ persuna li tkun fis-servizz tal-persuna notifikanda jew ma’ persuna awtorizzata biex tircievi l-posta tal-persuna notifikanda.”

Il-Qorti ta’ l-Appell kompliet tghid illi “fil-kaz ta’ kumpanija kopja ta’ l-iskrittura ma tistax tithalla f’idejn membru tas-socjeta’ konvenuta in kwantu difficilment wiehed jipprospetta l-possibbilita’ li din ikollha familja. L-istess jinghad ghall-possibbilita’ li n-notifika ssir f’idejn membru “tad-dar” tal-istess socjeta’ konvenuta. Mill-banda l-ohra pero’ notifika tista’ issir “f’idejn wiehed fis-servizz ta’ dik il-persuna (socjeta’) jew f’idejn il-prokuratur taghha jew anke f’idejn persuna awtorizzata <u>minnha</u> biex tircievi l-posta taghha.”

Ikkunsidrat :

Illi fil-kaz odjern ma jistax ikun applikabbli dak li hemm provdut fil-provizo tas-subinciz 1 tal-Artikolu 187 u cioe illi :

“in-notifika ma tistax tigi attakkata bhala irregolari ghal wahda minn dawk ir-ragunijiet jekk jinstab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f’idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata.”

Illi fil-kaz de quo fil-fatt jirrizulta illi l-libellanti nomine qatt ma waslitilhom f’idejhom in-notifika u ghalhekk il-provizo tas-subiniciz 1 tal-Artikolu 187 mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi l-libellat nomine jargumenta li galadarba n-notifika saret lill-persuna impjegata tas-socjeta libellanti u fl-ufficju registrat tal-kumpanija hija notifika valida. Izda mir-riferta jidher car illi din in-notifika, anke jekk valida, saret biss lil Michael Angelo Fenech, meta huwa wahdu ma kellux ir-rapprezentanza tal-kumpanija u meta l-istess Michael Angelo Fenech ma irceviex n-notifika huwa personalment ghaliex kien imsiefer. Ir-rapprezentanza tal-kumpanija, anke jekk ghal grazzja tal-argument n-notifika ta’ Michael Angelo Fenech hija valida, ma kienitx vestita biss f’Michael Angelo Fenech, izda ukoll fid-Direttur l-iehor Alfred Fenech u jirrizulta mill-provi, kif diga intqal, li dan id-Direttur l-iehor qatt ma gie notifikat.

Illi ghalhekk peress illi z-zewg Diretturi kellhom ir-rapprezentanza tal-kumpanija, kellhom jigu notifikati iz-zewg Diretturi, u ghalhekk il-Qorti tara illi l-libellanti nomine irnexxielhom jippruvaw l-aggravju dwar ir-ritrattazzjoni a bazi ta’ nuqqas ta’ notifika u cioe’ a bazi tas-subiniz (b) tal-Artikolu 811 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, illi jipprovdi illi f’kawza deciza f’sentenza moghtija fi grad ta’ appell tista’ fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza “b. jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa basta li

din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza.”  L-artikolu 811 hu umbaghad estis fl-interezza tieghu ghall-kawzi decizi b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad u li ghaddiet gjudikat – kif hu l-kaz odjern – “basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti li minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell.”

Illi effettivament gie ippruvat illi l-libellanti nomine saru jafu biss bil-kawza li giet deciza minn din il-Qorti wara li kien ghalaq iz-zmien ta’ l-appell meta mar il-marixall sabiex jezegwixxi il-mandat ta’ qbid.

Illi l-Qorti tara illi n-notifika ma saritx skond il-ligi lill-libellanti nomine.  Il-libellanti nomine ma dehrux fis-smigh tal-kawza u ghalhekk il-Qorti tara illi l-libellanti ghandhom dritt jitolbu ir-ritrazzjoni tal-kawza a bazi tal-Artikolu 811 (b) u 811 (l) tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Illi una volta qeghdin jigu milqugha dawn il-motivi ghar-ritrattazzjoni,  u stabbilit kif diga inghad illi l-libellanti nomine zgur ma dehrux fis-smigh tal-kawza, ma jibqax lok ghall-konsiderazzjoni tal-aggravji u eccezzjonijiet ohra.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta u tiddeciedi illi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Ottubru 1984 fil-kawza “Avukat Dottor Philip Sciberras nomine kontra Michael Angelo Fenech et nomine” Citazz Numru 440/84 ghandha tigi revokata.  Konsegwentement, il-Qorti qeghda ghal dawn ir-ragunijiet tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Ottubru 1984 fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dottor Philip Sciberras nomine kontra Michael Angelo Fenech et nomine Citazz Nru 440/84, u dan a tenur tal-Artikolu 811 subinciz (b), kif ukoll a tenur tal-Artikolu 811 subinciz (l) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.  Konsegwentement il-Qorti tordna illi issir notifika regolari lill-libellanti nomine tal-appuntament ta’ din il-kawza u thalli l-kawza ghas-smigh mill-gdid ghas-seduta ta’ nhar it-Tlieta 6 ta’ Ottubru, 2009 fid-9.15a.m.

Bl-ispejjez kontra il-libellat nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------